MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 738/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**JN**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat JN gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Gewwa Msida/Ta’ Xbiex u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ April 2009:

1) B’eghmil zieni ikkorrompa lil ibnu JN;
2) Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-ligi a terminu tal-artikolu 412C et sequitur tal-Kodici

Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati addebitati u c-cirkostanzi ta' membru domestiku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta' Gunju 2010 (esebita a fol. 112 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 203(1)(a)(b)(c)(2), 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2010, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat u martu JN, li ghandhom erbat itfal, bl-izghar wiehed li huwa J, kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u fil-gurnata tal-Hadd 5 t'April 2009 l-imputat gabar lill-ibnu z-zghir J ta' erba' snin sabiex johorgu u kien akkompanjat mis-siehba tieghu ta' dak iz-zmien, certu VL. F'xi hin wara nofsinhar huma marru bil-vettura tal-imputat Ta' Xbiex fejn l-imputat ipparkeggja l-vettura tieghu tal-marka Skoda Forman u ta' kulur ahdar u hareg il-parti genitali tieghu quddiem il-minuri u dar fuq is-siehba tieghu u messilha l-parti genitali taghha u sidirha minn fuq il-hwejjeg. Wara li l-minuri rrakkonta dak li kien gara lil ommu sar rapport ghand l-agenzija Appogg u sussegwentement lil Pulizija fejn il-minuri ta l-verzjoni tal-fatti lis-social worker tal-Appogg Melanie Darmanin fil-prezenza ta' SM24 Josephine Gauci u WPS209 Rachel Aquilina.

Ikkunsidrat:

Illi l-minuri ma’ giex prodott bhala xhud f’dawn il-proceduri mill-Prosekuzzjoni u l-istess Prosekuzzjoni pproduciet biss xhieda li ndikaw dak li kien qalilhom il-minuri wara li sehh l-akkadut u cioe’ lil ommu, JN[1], lill-partner taghha JF[2], lil omm dan tal-ahhar RF[3] u lis-social worker Melanie Darmanin[4]. Gew prodotti wkoll bhala xhieda SM24 Josephine Gauci u WPS 209 Rachel Aquilina li kienu prezenti meta l-minuri nstema’ mis-social worker. Minn ezami tax-xhieda tal-imsemmija persuni jirrizulta li l-minuri kien qal lil ommu li huwa kien bil-qieghda fis-seat ta’ wara tal-vettura u ra lil missieru jnehhi l-qalziet ta’ fuq kif ukoll dak ta’ taht u jesponi l-parti genitali tieghu u mbaghad jitla’ fuq VL, jaghmel movimenti ta’ tlugh u nzul fuqha u fl-ahhar jghannaqha. Mix-xhieda ta’ JN jirrizulta li meta l-minuri ttiehed id-dar huwa qalilha li kien ra lil missieru jaghmel xi haga pastaza u li dan kien qallu sabiex ma’ jghid xejn lilha ghaliex altrimenti kien ser jidhol id-dar bic-cavetta u kien ser jiehdu mieghu. Din qalet ukoll li wara dan l-incident ma regghatx baghtet lil binha ma’ missieru u li binha kien ghamel zmien twil imbezza’ u granfat maghha u ghamel perijodu ta’ xahar ma’ jridx imur l-iskola. Il-Prosekuzzjoni produciet ukoll lil VL bhala xhud u fil-fatt din kienet l-unika xhud okulari li giet prodotta mill-Prosekuzzjoni fejn hija xehdet fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2009. Meta xehdet din ix-xhud hija ma’ kienx ghad kellha relazzjoni mal-imputat u hija spjegat li dakinhar tal-5 t’April 2009 wara li marru dawra bil-vettura tal-imputat huma pparkeggjaw Ta’ Xbiex fejn il-yacht marina u hija kellha t-tifel J bil-qieghda fuqha meta l-imputat hall iz-zipp tal-qalziet u hareg il-parti genitali tieghu u beda’ jilghab biha quddiem it-tifel u jghidlu ‘ara la tikber wiehed bhal dan ha jkollok’. Hija spjegat ukoll li l-imputat resaq lejha sabiex jipprova ibusha u jghannaqha izda hija ma hallitux u poggiet lit-tifel fuq is-seat ta’ wara u qalet lill-imputat sabiex ma’ joqghodx

[1] Li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tas-26 ta’ Mejju 2010 u tat-8 ta’ Marzu 2012.

[2] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta’ Lulju 2010.

[3] Li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 t’Ottubru 2010.

[4] Li xehdet fl-udjenzi tat-18 ta’ Jannar, 2010 tad-29 ta’ Marzu 2010.

jaghmel dawn il-kummiedji quddiem it-tifel u huwa rega' dahhal il-parti genitali tieghu fil-qalziet u beda' jidhaq. Hija qalet ukoll li apparti li prova jbusha u jghannaqha l-imputat kien ukoll messilha sidirha u l-parti genitali taghha minn fuq il-hwejjeg. Din ix-xhud spjegat li wara li graw dawn l-affarijiet it-tifel ried imur il-bandli u huma haduh il-bandli fejn qaghdu jilaghbu mieghu. Hija qalet ukoll li kienet qalet lit-tifel sabiex ma' jghid xejn lil ommu dwar dak li kien gara u spjegat li wara li marru l-bandli hadu lit-tifel lura ghand ommu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni produciet ukoll zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat[5] izda tenut kont tal-fatt li meta rrilaxxja dawn l-istqarrijiet l-imputat ma' nghatax il-fakulta' li qabel jikkonsulta ma' avukat, id-Difiza waqt l-udjenza tal-11 t'Ottubru 2011 talbet li dawn l-istqarrijiet jigu mwarrba in linea ma' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u ma' sentenzi recenti tal-Qrati Maltin. Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u t-tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat seta' jikkonsulta ma' avukat qabel ma' jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan kollu l-imputat jista' jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ġie nnutat mill-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alvin Privitera** deċiża fil-**11 ta' April 2011**. Is-Sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 39 jipprovdi li – *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."* Is-Sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – *"Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn*

[5] Inseriti a fol. 4 sa 6 tal-atti processwali.

*tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".* Is-Sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt *"li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma' jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".*

L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma' jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Ewropeja li dak li hu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interrogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma' jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide **Imbrioscia vs Svizzera** tal-**24 ta' Novembru 1993** u **Panovits vs Cyprus** tal-**11 ta' Diċembru 2008**), kif ukoll minn diversi sentenzi recenti tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011)** ġie ritenut li *"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-Qorti m'għandhiex toqgħod tistenna' sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi jrid jinghad ukoll li fil-Kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012** (Appell Civili Numru. 75/2010/1) il-Qorti Kostituzzjonali qalet fost affarijiet ohra li:

*"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[6]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[7]."*

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-fedina penali tal-imputat, qabel dan il-kaz huwa kien akkuzat b'reati konnessi ma' sewqan traskurat u li ppermetta lil terza persuna ssuq il-vettura tieghu minghajr ma' din kellha licenzja tas-sewqan. Illi ghalhekk, ma jistghax jinghad li l-imputat huwa persuna li ghandu esperenzja kif tithaddem il-gustizzja kriminali u l-process li jaghti bidu ghall-investigazzjonijiet bhal fil-kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali**. Ghalhekk in linea ma' dak deciz fil-kaz Pulizija vs Alvin Privitera din il-Qorti mhux ser tikkunsidra dak li intqal mill-imputat fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati bhala prova f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li fil-5 t'April 2009 il-fatti graw kif irrakkuntathom VL. Kif diga gie rilevat aktar 'il fuq meta din ix-xhud tat ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri hija kienet diga' itterminat ir-relazzjoni taghha mal-imputat u ghalhekk ma' kellha ebda raguni il-ghala ma' tghidx il-verita' kollha jew li tipprova tahbi xi affarijiet sabiex tiprotegi lill-imputat. Del resto l-Qorti setghat tinnota li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali l-istess Prosekuzzjoni donnha qed taccetta li l-fatti fil-fatt graw kif spjegat VL u mhux kif jghidu li qalilhom li graw it-tifel ix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni. F'dan ir-

[6] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[7] Para. 78.

rigward il-Qorti setghat tinnota li filwaqt li JN u RF jghidu li t-tifel qalilhom li kienet VL li telghat fuq l-imputat wara li dan neza' l-qalziet, Melanie Darmanin, SM 24 u WPS 209 jghidu li l-minuri qal li kien l-imputat li tela' fuq L. Tenut kont ta' dawn id-diskrepanzi u tenut kont tal-fatt li dan l-incident sehh fi zmien meta l-imputat u martu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali fejn il-partijiet involuti hafna drabi jipruvaw jaqbdu ma' kwalsiasi ncident u juzawh sabiex jiksbu vantagg ghalihom, din il-Qorti jidrilha li ghandha temmen li l-affarijiet effettivament sehhew kif irrakuntathom VL u li fil-fatt ma' sehh ebda rapport sesswali quddiem il-minuri kif pruvaw jallegaw uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta' Rinviju tieghu tat-30 ta' Gunju 2010 l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 203, 203A u 209 tal-Kodici Kriminali liema Artikoli jirrigwardaw ir-reati ta' korruzjoni ta' minorenni, istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta' u r-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku. Fil-mori ta' dawn il-proceduri precizament waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu 2012, xehdet omm il-minuri JN fejn din spjegat li hija kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u qalet ukoll li l-istess minuri kien qed jesprimi x-xewqa li jerga' jibda' jara lil missieru. Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna rigward l-irtirar tal-kwerela. Fil-kaz **"il-Pulizija vs. omissis**" fis-sentenza datata 5 ta' gunju 2003 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-Prim'Imhallef Vincent De Gaetano qalet is-segwenti:-

"*Ghalkemm l-azzjoni ghar-reat kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali titmexxa dejjem mill-awtorita' pubblika, tali azzjoni tinhtieg il-kwerela tal-parti. Ghal din ir-regola hemm xi eccezzjonijiet, fosthom "fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso tal-artikolu 544". Il-proviso tal-artikolu 544 applikat ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jipprovdi li meta d-delitt "isir bi vjolenza pubblika", jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali*

*titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata". Umbghad dejjem gie ritenut mill-Qrati Taghna li meta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jsir f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, dan isir prosegwibbli "ex officio" proprju ghaliex allura jkun akkompanjat b'reat li jolqot l-ordni pubbliku. Hekk gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleggjati f'appell minn guri fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Spiridione Tanti sive Tanti Costa" (12.4.1991) li "….l-Qrati taghna dejjem irritjenew illi l-fatt li f'delitt kontra l-familja u l-morali prosegwibbli biss fuq istanza privata dawn jirrikorru f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, jsiru prosegwibbli "ex officio" proprju ghaliex awtomatikament ikunu akkumpanjati b'reat li jolqot l-ordni pubbliku*".

Issa fil-kaz in ezami ma' jistax ikun hemm dubju li l-post fejn gara l-allegat reat kien wiehed manifestament espost ghall-pubbliku u ghalhekk il-Pulizija setghat tipprocedi ex ufficio.

Ikkunsidrat:

Kif ghadu kemm intqal fil-paragrafi precedenti l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija taht l-Artikoli 203 u 203A tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom f'dak li jiddisponi l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali aktar milli fl-Artikolu 203. F'dan ir-rigward il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Carmelo Sant deciza fit-12 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti, wara li ezaminat is-siltiet mid-dibattitu parlamentari fl-istadju tas-seduta numru 100 tal-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi dwar l-introduzzjoni tal-klawsola 34 (illum artikolu gdid 203A) ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni li qed jaghti l-appellant ghal din il-ligi.*

*Di fatti, kif jirrizulta mis-silta rilevanti li tinsab fin-nota konguntiva tal-partijiet tal-5 ta' Dicembru, 2008, il-Ministru*

*tal-Gustizzja w Intern, li kien qed jippilota l-abbozz ta' ligi li jemenda l-Kodici Kriminali, kien qal testwalment hekk :-*

*"…il-klawsola 34 qed tintroduci reat gdid ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni fuq tfal taht l-eta'. Subartikolu (1) t' artikolu 203 jghid li kull min jikkorrompi persuna taht l-eta' b' ghemil zieni jkun hati ta' korruzzjoni fuq il-minorenni . Issa hawnhekk qed nghidu li jekk xi hadd ma jaghmel l-ebda ghemil zieni imma jeccita, jghin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' ta' sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn u d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 203 jghoddu, mutatis mutandis, ghad-delitt taht dan l-artikolu……..Fi kliem iehor, hawnhekk qed nestendu r-reat billi qed nghidu li mhux biss b' eghmil zieni imma anki b' ghemil iehor tkun qed tohloq, tghin jew tiffacilita l-korruzzjoini ta' persuna taht l-eta'.*

*"…….din l-emenda qed issir minhabba li kien hemm min qal li biex tkun tista' tghid li wiehed wettaq ghemil zieni <u>jrid ikun ghamel kuntatt fiziku</u> ta' xi xorta. Per ezempju kien hemm min qal - ghalkemm mhux kullhadd qabel ma dan - li jekk wiehed juri ktieb pornografiku lil persuna taht l-eta' ma jkunx qed iwettaq ghemil zieni, u allura hawnhekk qed naghmluha cara li din ukoll hija forma ta' korruzzjoni u b' hekk wiehed irid jigi kastigat ghal dan l-ghemil."*

L-istess Qorti fis-sentenza indikata hawn fuq qalet ukoll hekk:-

*"Jidher car li l-ghan tal-legislatur kien li bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid jikkolpixxi kull att <u>li ghalkemm ma jsirx fuq il-persuna tal-minuri</u> jista' jwassal biex din tigi eccitata jew biex jghin u jiffacilita' l-korruzzjoni <u>tal-istess persuna taht l-eta'</u> u <u>mhux fuq xi terza persuna biex hi taghmel dan fuq minuri,</u> kif qed jissottometti l-appellant. Jidher ukoll li dan sar minhabba xi gurisprudenza konfliggenti dwar din il-materja li kienet tezisti."*

Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern fejn m'huwiex kuntestat li ma' kien hemm ebda kuntatt fiziku mal-minuri, l-att

maghmul mill-imputat kien intiz sabiex jistiga, jghin jew jiffacilita’ l-korruzzjoni ta’ ibnu fejn dan mhux biss espona l-parti genitali tieghu u beda’ jilghab biha quddiem it-tifel izda qallu li huwa kien ser ikollu bhala meta jikber u inoltre l-imputat prova jaghmel affarijiet ta’ natura sesswali mal-partner tieghu quddiem il-minuri izda gie mwaqqaf mill-istess partner u rnexxielu biss imissilha sidirha u l-parti genitali taghha minn fuq il-hwejjeg quddiem il-minuri. Il-Qorti jidrilha li jista’ jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat fil-5 t’April 2009 ikkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha wkoll li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li fl-imsemmija data l-imputat ikkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-atti minnu maghmula saru f’vettura parkeggjata f’post pubbliku.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li kien hemm ir-rinunzja da parti tal-parti civili kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata l-minuri wera x-xewqa li jerga’ jibda’ jara lil missieru, kif ukoll il-fatt li l-agir in kwistjoni sehh f’okkazzjoni wahda biss u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tat-30 ta’ Gunju 2010 u senjatament l-Artikoli 203A, 209 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda kif diga’ spjegat aktar ‘il fuq in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni huwa qed jinstab hati taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 203A u mhux taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 203 u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum.

Sabiex tigi protetta l-identita’ tal-minuri l-Qorti qed tordna d-divjiet tal-pubblikazzjoni kemm ta’ isem l-minuri kif ukoll ta’ isem l-imputat u ta’ isem omm il-minuri, tal-partner taghha u ta’ ommu u tal-ex partner tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------